# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* U TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IL-ĦAMES SENA | STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI) | ĦIN: 1h 45min |
|---|---|---|

**Isem:** ____________________________________________ **Klassi:** _______________

**Taqsima A**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

**L-imġiba ta' persuni li jiksru r-regoli tas-soċjetà tissejjaħ imġiba devjanti meta tqisha mal-kultura normalment aċċettata mis-soċjetà ġenerali**. Importanti li nifhmu li meta nitkellmu dwar regoli fis-soċjetà ma nkunux qed nitkellmu biss dwar liġijiet miktuba. Jeżistu wkoll il-liġijiet mhux miktuba. Dawn normalment ikunu parti mill-**kodiċi ta' mġiba** li l-membri ta' dik is-soċjetà jkunu ħolqu b'mod informali matul l-istorja ta' dik is-soċjetà. Dawk li jmorru kontra l-**valuri ewlenin tas-soċjetà** jitqiesu bħala persuni b'imġiba devjanti. Normalment inħarsu lejn imġiba devjanti l-aktar fejn din tkun tidher li qegħda tagħmel l-aktar ħsara. Din hija mentalità żbaljata. Hemm ukoll tipi ta' mġiba devjanti li tispikka fis-soċjetà. Fost dawn insibu l-abbuż minn sustanzi projbiti jew li jqabbduk dipendenza u l-abbuż fuq it-tfal.

(Ref. Understanding Social Studies)

1. Spjega fi kliemek l-ewwel sentenza. Tista' tagħmel użu minn eżempji biex issaħħaħ l-ispjegazjoni tiegħek. (4 marki)

2. Spjega l-frażi "kodiċi ta' mġiba" u agħti eżempji biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek. (4 marki)

3. Liema huma l-valuri ewlenin tas-soċjetà? Taħseb li dawn il-valuri isaħħu s-soċjetà? (4 marki)

4. Semmi tliet tipi ta' mġiba devjanti li tispikka fis-soċjetà Maltija. (3 marki)

5. Kif taġixxi s-soċjetà ma' dawk li jiksru n-normi tagħha? (3 marki)

6. Taħseb li s-soċjetà għandha timxi mod ieħor ma' dawk li jiksru n-normi soċjali? Spjega kif. (7 marki)

**Total 25 marka**

**Taqsima B**

**<u>Wieġeb il-mistoqsijiet.</u>**




**Minn 1.3 biljuni ta' persuni li jgħixu f'faqar assolut, 70% huma nisa**

1. F'liema dinja taħseb li qegħdin il-1.3 biljuni ta' nies li jgħixu fil-faqar? Semmi tliet pajjiżi li qegħdin f'din id-dinja. (4 marki)

2 X'differenza tgħaddi bejn pajjiżi ta' l-Ewwel dinja u t-Tielet dinja? (4 marki)

3. Agħti erba' raġunijiet għaliex 70% ta' dawk li jgħixu f'faqar assolut huma nisa. (4 marki)

4. Semmi xi problemi oħrajn li jiltaqgħu magħhom in-nisa fil-ħajja tagħhom. (4 marki)

5. Għaliex hemm din il-qasma fil-ġid bejn in-Nord u s-Sud? X'jista' jsir biex din il-qasma ma tibqax tikber? (4 marki)

6. X'effetti ħalliet il-globalizzazzjoni fuq id-dinja? (5 marki)

**Total 25 marka**

**Taqsima Ċ**

**Is-soċjalizzazzjoni turi l-qawwa tas-soċjetà li ġġiegħel lill-individwu jaħseb u jaġixxi skond in-normi u l-valuri tas-soċjetà. Madankollu, bħala individwi liberi, għandna l-poter li naħsbu u naġixxu skond il-kuxjenza ta' l-individwi.**

Ikkumenta f'mhux anqas minn 150 kelma.

**Total 20 marka**

**Taqsima D**

**<u>Agħżel wieħed u ikteb madwar *300* kelma</u>**

1. Ir-rwol tal-familja fis-soċjetà tal-lum.

2. Xi tfisser integrazzjoni soċjali? Kif tista' s-soċjetà tintegra aħjar persuni b'diżabilità u l-anzjani?

3. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'dawn iż-żminijiet saret kwistjoni ta' jeddijiet fundamentali kif ukoll ta' ġustizzja soċjali. Ikkumenta.

4. L-abbuż tad-droga hija problema fost iż-żgħażagħ. X'għajnuna tista' tingħata lil dawn iż-żgħażagħ?

**Total 30 marka**